KLR 42/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: il-Viċi Sindku Josef Schembri u l-membru Anthony Briffa.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat.

Qabel tkompliet l-aġenda is-Sindku qal li fix-xahrejn li ma kienx għadu fil-kariga ta' Sindku analiżża is-sitwazzjoni u l-posizzjoni tal-Kunsill mill-lenti ta' kunsillier u mill-lenti personali peress li ma kienx għadu fid-*driving seat*. Din il-leġislatura baqala madwar tlett snin. Fil-passat din kienet tfisser leġislatura sħiħa. Tenna li wara dak li għadda minnu f'din l-aħħar sena, aċċetta din il-kariga b'entużjażmu ġdid. Is-Sindku qal li diġa' ltaqa mal-Perit u l-*Accountant* għall-*updates* neċessarji sabiex ikollu stampa aktar ċara tal-posizzjoni tal-Kunsill. Hu rringrazzja lill-membri kollha ta' dan il-Kunsill.

**3. Aġġudikazzjoni ta' Offerti**

Il-Perit Edward Scerri ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega d-dettalji tal-offerti li jridu jiġu aġġudikati.

*Manufacture and installation of galvanized wrought iron railings and perimeter fence at Victoria Playing Field.*

Tressaq ir-rapport tal-Perit li hu anness f'dokument A. Il-membri qablu li l-offerta tingħata lill E&L Ent. Ltd.

Il-membri qablu li sabiex jitkompla l-proġett tal-*playing field* għandha tiġi sottomessa applikazzjoni taħt l-*Urban Improvement Fund*. Ix-xogħol li baqalu jsiru hu l-*fence* imsemmi fuq, il-*landscaping* u l-bini tal-*kiosk*.

*Supply and installation of Bollards at Independence Square*

Il-membri qablu li l-Kunsill imur għal-orħos offerta u li hi *compliant*. Din hi ta' Thomas Xerri. Il-Perit għandu jivverifika u jiċċertifka jekk ir-rekwiżiti ġewx milħuqa. Il-membri qablu li fil-maġġoranza tagħhom dawn il-*bollards* għanduhom ikunu fissi. Għandhom ukoll jiġu identifikati l-postijiet fejn il-*bollards* ikunu mpoġġija b'tali mod li jkunu jistgħu jinqalgħu sakemm isir armar u attivitajiet oħra li jsiru f'din il-pjazza.

*Call for NGOs intrested in constructing an NGO building and upgrading area at Dr. Anton Tabone Street*

Il-Perit spjega d-dettalji rigward l-unika offerta li ntefgħet. Din kienet *compliant*. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu l-pariri legali neċessarji fir-rigward ta' dan il-proġett u l-proposta sottomessa mill-offeranti. Sadanittant l-Avukat tal-Kunsill għandha titlob il-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet.

Il-laqgħa ntemmet fis-18.15 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 1 ta' Lulju fl-16.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |